MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 198/2010

**Avukat Dr Tonio Azzopardi**

**vs**

**Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali u b'dikriet tat-18 ta' Jannar 2011 gew kjamati fil-kawza Carmelo Bonello, Dr Lawrence Pullicino, Joseph Psaila u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr. Tonio Azzopardi fejn gie premess:-

1. Illi d-Direttur konvenut bhala Registratur tal-Qrati ntaxxa d-drittijiet ta' l-avukati difernsuri fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs. Spettur Carmelo Bonello et" (Rikors Kost. 176/87) deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009.

2. Illi mis-sentenza tal-Ewwel Qorti saru erba’ (4) appelli separati, wiehed mir-rikorrent, iehor mill-intimat Carmelo Bonello, iehor mill-intimat Joseph Psaila u iehor mill-intimat Dr Lawrence Pullicino.
3. Illi l-intimat Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ntaxxa dritt wiehed (1) biss ghall-istadju tal-kawza fi grad ta’ appell, u b’hekk naqas serjament billi halla barra mit-taxxa d-drittijiet dovuti lill-esponent fir-rigward tat-tliet (3) appelli l-ohra.

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi ordnat lill-intimat Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali biex jinkludi fit-taxxa d-drittijiet dovuti lill-esponent ghat-tliet (3) appelli l-ohra.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-imsemmi intimat Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ma ppresentax ir-risposta tieghu fit-termini li trid il-ligi u kwindi l-istess intimat ghandu jitqies li hu kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Semghat lix-xhieda Rita Falzon u Eugenio Cutajar imsejjhin mir-rikorrenti.

Rat id-dikriet taghha tal-18 ta’ jannar 2011 li bih gew kjamati fil-kawza Carmelo Bonello, Dr. Lawrence Pullicino. Joseph Psaila u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat fil-kawza Joseph Psaila fej gie ecepit:-

1. Illi ghar-rigward il-mertu tat-talbiet attrici l-esponenti jirrimetti ruhu interament ghall-gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

2. Illi f’kull kaz pero jrid jigi rilevat illi t-talbiet attrici ma humiex per se direttament rivolti lejn l-esponenti u jittrattaw mertu li ma huwiex naxxenti minn ebda att jew ommissjoni ta’ l-esponenti u ghaldaqstant f’kull kaz l-esponenti ma ghandux ibati ebda spejjez f’dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza l-Kummissarju tal-Pulizija fejn gie sottomess:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva illi minn ezami tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta` Settembru 2009, li qieghda tigi annessa bhala Dok. ‘A’, jidher kjarament illi ghalkemm kien hemm erba` partijiet li appellaw mis-sentenza li nghatat fil-prim’istanza, dawn gew kollha kemm huma trattati f’appell wiehed u decizi permezz tas-sentenza li hawn annessa bhala Dok. ‘A’.

2. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, dawn l-appelli, ghalkemm saru minn partijiet separati, saru kollha mill-istess sentenza li hi naxxenti mill-istess fatti li taw lok ghall-ewwel kawza li taghha kull appellant kien parti. Dawn ma kinux erba` kawzi differenti, izda kawza wahda, b’decizjoni wahda, izda b’erba` punti di vista diversi u kien proprju ghalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali pprocediet biex semghethom f’appell wiehed. Dan jaghmel sens ukoll ghaliex li kieku kull appell gie mismugh separatament, kien ikun hemm diffikulta` ghall-Qorti biex tasal ghal konkluzjoni uniformi u msejsa fuq analizi korretta tal-fatti u ta` l-argumenti kollha. Di piu`, appell minnu nnifsu jinkombi certa urgenza fis-smigh u ghalhekk zgur li jekk kull appell li sar kellu jinstema` wahdu, is-sens ta` urgenza li jinkorpora fih l-appell jintilef.

3. Illi essenzjalment, l-attur qieghed jipproponi sitwazzjoni fejn it-taxxa tohrog erba` darbiet ghall-istess haga. Jekk jithalla li jsir dan, allura tkun qieghda tigi imposta taxxa ngusta fuq il-partijiet kollha minghajr ebda htiega.

4. Illi b’zieda ghal dak li ntqal u minghajr pregudizzju ghall-premess, hu principju pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi t-tassazzjoni tad-drittijiet hija wahda li hi regolata mis-sentenza fin-nuqqas ta` somma determinata fid-domanda. Fil-kaz odjern, is-sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009 kienet il-gudizzju li ddeterminat darba ghal dejjem l-ammont li kien dovut lil Anthony Mifsud f’danni. Ghalhekk, kif jista`

wiehed jippretendi illi meta hemm sentenza wahda biss, cioe` is-sentenza suriferita, li tiddetermina l-ammont f'danni li jifforma parti mill-mertu tal-kawza, johorgu tlett taxxi ohra fuq din l-istess haga?

5. Illi l-improponibilta` tat-talba ta` l-attur tohrog iktar meta minn ezami tat-taxxa li nharget, jidher kjarament illi l-attur ha d-dritt fuq kull bicca xoghol li ghamel tul l-appell kollu. Ghalhekk huwa cert illi ma hux dovut aktar flus fi drittijiet professjonali lill-attur.

6. Illi ghalhekk huwa ferm ovvju illi t-taxxa li qieghda tigi attakkata mill-attur kienet fil-fatt giet mahduma b'mod tajjeb mill-ewwel u li ma kien hemm bzonn l-ebda talba ghal ritassa.

7. Illi fir-rigward ta` spejjez konnessi mal-proceduri odjerni, ir-rikorrent jirrileva illi hu aderixxa ruhu fi zmien qasir mad-direttivi tas-sentenza li ghaddiet in gudikat u dan stante illi hallas dak kollu li kien dovut mill-esponent, u jghid ukoll illi din il-kawza giet intavolata minghajr ebda htiega. Ghalhekk, ir-rikorrent ma ghandux jigi kkundannat ihallas spejjez marbutin ma` dan il-kaz.

Ghalhekk l-istess kjamat fil-kawza talab li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda fl-interita` taghhom, u dan stante li huma nfondati kif jidher mir-ragunijiet fuq premessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza Dr Lawrence Pullicino fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni tar-rikorrenti giet intavolata fuori termine u dana a tenur tal-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jirrizulta mill-istess document anness mar-rikors guramentat.

2. Illi fit-tieni lok ir-rikorrenti m'ghandux standi judicio peress li r-rikors semmai kellu jigi pprezentat minn Anthony Mifsud.

3. Illi fit-tielet lok l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla u dan ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest kif mehtieg mil-ligi.

4. Illi fir-raba' lok jigi rilevat illi t-talbiet kif dedotti mhumiex direttament rivolti lejn l-esponent u jitrattaw mertu li ma huwiex naxxenti minn xi att jew ommissjoni tieghu. Ghaldaqstant l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat fil-kawza Carmelo Bonello fejn gie sottomess:-

1. Illi l-kawza saret fuori termine.

2. Illi l-attur ma jistax jipproponi din il-kawza.

3. Illi l-azzjoni kellha tkun preceduta b'ittra ufficjali.

4. Illi t-talbiet attrici ma jirrigwardawx lill-esponent kjamat fil-kawza.

Semghat id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali Frank Mercieca u l-imsemmija xhud Rita Falzon imsejjhin mill-kjamat fil-kawza Dr. Lawrence Pullicino.

Semghat ir-rikorrenti msejjah mill-kjamat in kawza Dr. Lawrence Pullicino.

Rat in-nota ta' sottomisjonijiet tar-rikorrenti.

Rat id-diversi noti responsivi tal-kjamati fil-kawza Carmelo Bonello, Kummissarju tal-Pulizija, Dr. Lawrence Pullicino u Joseph Psaila

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Ir-rikorrenti qed jallega li l-intimat Direttur tal-Qrati Ċivili hadem b'mod erraneu l-komputazzjoni tat-taxxa tad-drittijiet tal-avukat in konnessjoni ma l-kawża citazzjoni numru 176/87 RCP fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs is-Supretendent Carmelo Bonello et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009. Ir-rikorrent jikkontendi li fil-kawża ċitata saru erba' appelli, u ċioe wiehed mill-assistit tieghu Anthony Mifsud u iehor kull wiehed mill-kjamati in kawza Carmelo Bonello, Joseph Psaila u Dr Lawrence Pullicino. Ghalhekk b'kollox saru erba (4) appelli, pero' l-intimat intaxxa dritt wieħed tal-avukat rigwardanti l-imsemmija kawża fil-grad ta' appell.

L-ilment tar-rikorrent hu li gew lezi d-drittijiet tieghu appuntu meta l-intimat ikkalkola biss appell wiehed fir-rigward tad-drittijiet tieghu bhala avukat u l-istess intimat ħadem taxxa waħda għad-dritt tiegħu bħala avukat, b'hekk tħallielu barra mit-taxxa id-dritt tiegħu għat-tliet appelli l-oħra. Ir-rikorrent jippretendi li dan huwa żball fil-konfront u ghad-dannu tiegħu, u qed jitlob li jigi ordnat lill-intimat biex jinkludi fit-taxxa d-dritt tiegħu bħala avukat fir-rigward tat-tliet appelli l-ohra u cioe' dawk l-appelli separati li ghamlu t-tliet kjamati fil-kawza. Ir-rikorrenti kkonferma li kellu jittratta l-appelli kollha u cioe' l-erba' appelli u mhux appell wieħed biss. Ir-rikorrent jgħid ukoll illi nonostante li huwa ittratta dawn l-appelli verbalment, dan ma jfissirx illi huwa tilef id-dritt li għandu avukat meta dan jirrispondi bil-miktub. Ir-rikorrenti qal ukoll li l-kawza in kwestjoni hi kawza kostituzzjonali ta' portata serja hafna.

Din l-azzjoni nbdiet kontra l-intimat Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u fil-kors ta' l-istess ġew kjamati fil-kawża Carmelo Bonello, Dr Lawrence Pullicino, Joseph Psaila u l-Kummsisarju tal-Pulizija. Dawn kollha kienu parti fil-kawza fuq imsemmija cioe' "Anthony Mifsud vs is-Supretendent Carmelo Bonello et" deciza mill-Qorti

Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009. Kif gia rilevat l-intimat Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali baqa' kontumaci.pero' ppresenta nota ta' osservazzjonijiet finali kif kellu dritt li jaghmel skond il-ligi.

Il-kjamat fil-kawza Joseph Psaila eccepixxa li l-mertu tal-kawża bl-ebda mod ma jinċidi fuq il-kalkolazzjoni li d-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għandu jagħmel fil-ħruġ tat-Taxxa relattiva. Il-kjamat fil-kawża Carmelo Bonello jagħmel riferenza għax-xhieda mogħtija minn Eugenio Cutajar, Rita Falzon u Frank Mercieca, lkoll ufficjali li jaħdmu l-Qorti u huma inkarigati mill-hrug ta' taxxi rigwardanti l-ispejjez u d-drittijiet relattivi ghad-difensuri tal-partijiet f'kawzi li jkunu gew decizi mill-Qrati taghna. L-imsemmija xhieda kkonfermaw li d-dritt tal-avukat jiddependi minn kemm ikunu nghataw sentenzi u mhux minn kemm hemm rikorsi tal-appell.

Gie kkonfermat mill-imsemmija xhieda li hu minnu li fil-kawza in kwestjoni kien hemm kien hemm erbgha rikorsi tal-appell, izda l-kawza tal-appell kienet wahda u li d-dritt tal-avukat huwa marbut mas-sentenza u mhux man-numru ta' rikorsi tal-appell jew tar-risposti għall-appell.

Il-kjamat in kawza l-Kummissarju tal-Pulizija jirreferi ghas-sottomissjoni tar-rikorrenti fejn intqal li l-istess rikorrenti rrisponda għat-tliet appelli intavolati mill-kjamati fil-kawza verbalment, pero' xorta waħda għandu d-dritt tal-avukat daqs li kieku huwa irrisponda bil-miktub. L-istess kjamat fil-kawza Kummissarju tal-Pulizija jikkonkludi li dak li għandu jiġi deċiż huwa jekk trattazzjoni orali fl-istadju tal-appell għandhiex l-istess valur daqs risposta bil-miktub. Jgħid illi kieku r-rikorrent għandu raġun f'dak li jgħid, kwalunkwe punt li jitqajjem fil-kors tal-kawża li dwarha issir trattazzjoni għandu jiġi intaxxat ukoll.

Il-kjamat fil-kawża Carmelo Bonello jissottometti li hu impossibbli ghal min hu inkarigat li jahdem u johrog it-taxxi tal-kawżi li jkun jaf b'dak kollu li jkun gie trattat fil-kawża saboex wara johorgu l-istess taxxa. Min jahdem it-taxxi ma jkunx jaf jekk dak li ġie trattat kienx in konnessjoni ma' risposti tal-appell.

Il-kjamat fil-kawża Dr Lawrence Pullicino jgħid illi l-erba rikorsi tal-appell ġew ittrattati flimkien u imbagħad ingħatat sentenza waħda. Dan jgħid illi d-dritt tal-avukat huwa allaċjat mas-sentenza li tingħata. Jgħid ukoll illi d-dritt illi wieħed jitlob id-dritt ta' avukat joħroġ mill-fatt illi dan ikun ippreżenta rikors tal-appell jew risposta. Jgħid illi r-rikorrent kien inħariġlu dritt għar-rikors tal-appell li huwa kien għamel u għar-risposta waħda illi huwa kien għamel għan-nom ta' Anthony Mifsud.

L-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jgħid illi għalkemm kien hemm erbgħa rikorsi tal-appell, dawn kollha ġew ittrattati flimkien u ngħatat ukoll sentenza waħda.  Jgħid illi minkejja li r-rikorrent qiegħed jitlob taxxa fuq erba' appelli differenti, hawnhekk si tratta minn erbgħa rikorsi ta' appelli fuq l–istess mertu li gie deciz b'sentenza waħda.

Inoltre l-kjamat fil-kawża Joseph Psaila jgħid illi ir-rikorrent tratta l-punti kollha fi trattazzjoni waħda u konsegwentament ingħatat sentenza waħda. Dan huwa appell wieħed u li jattira dritt wieħed.

Ghandu jigi rilevat li x-xhud Eugenio Cutajar ikkonferma li t-taxxa li hu hareg kienet tirrigwarda dritt wieħed għal kull appell li sar u dritt wieħed għal kull risposta li saret.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Illi kif intqal aktar 'l fuq, din hija kawza ta' ritassa li qieghed jaghmel ir-rikorrent abbazi tal-pretensjoni tieghu illi t-taxxa fil-kawza "Anthony Mifsud vs Spettur Carmelo Bonello et" saret b'mod erroneju.

Illi l-ewwel ser tiġi trattata l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawża Dr. Lawrence Pullicino, fejn gie eccepit li l-azzjoni tar-rikorrenti giet intavolata "fuori termine" skond l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond kif jirrizulta mid-dokument anness mar-rikors guramentat. Din l-eċċezzjoni ser tiġi trattata mal-ewwel eċċezzjoni

preliminari tal-kjamat fil-kawża Carmelo Bonnello, fejn dan eċepixxa li l-kawza saret fuori termine.

L-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li "l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika."

F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Citazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "Joseph Bonello et vs Ir-Registratur tal-Qorti et" saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et" deciza fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:- "... Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."

Hu f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Hu għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa tkun tista' tigi attakkata. Kif jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħra, hu meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak.

In vista tal-premess u in vista ta’ l-arikolu tal-ligi citat it-taxxi maghmula mir-Reġistratur ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar u dan iż-żmien ta’ xahar jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun inħarġet it-taxxa.

Jirrizulta li t-taxxa in kwestjoni giet rilaxxata mill-intimat fid-29 ta’ Jannar 2010 (fol 3) filwaqt li r-rikors guramentat promotur gie ntavolat fl-1 a’ Marzu 2010 (fol 1). Kwindi r-rekwizit stipulat fl-artikolu in kwestjoni cioe’ l-artikolu 64 tal-Kap 12 ma giex osservat u konsegwentement għandhom jiġu milqugħa l-ewwel eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni tal-intimati Dr. Lawrence Pullicino u Carmelo Bonello u konsegwentement għandha tiġi miċħuda t-talba fil-konfront tal-intimat u tal-kjamati fil-kawza. Una volta li tigi akkolta l-imsemmija eċċezzjoni mhux necessarju li l-Qorti tidhol fil-meritu tal-kawza u fl-eccezjonijiet l-ohra kollha tal-kjamati fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-kjamati fil-kawza Dr. Lawrence Pullicino u Carmelo Bonello u tiddikjara li din l-azzjoni saret “fuori termine” skond l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti kemm fil-konfront tal-intimat kif ukoll fil-konfront tal-kjamati in kawza.

Spejjeż kollha kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------